Students' House
University of Malta
Msida MSD 2080

356 2340 2104
info@ksu.org.mt

# KSU LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2017

**Date: 26 ta' April, 2017**
**Post: Sala Sir Temi Zammit – Universita' ta' Malta**
**Ħin: 12:00 pm**

---

**12:06 pm**

Il-bibien jingħalqu.

Skond il-proċedura tal-Laqgħa hekk deskritt f'Artiklu 11 ta' l-Istatut tal-KSU, hekk approvat fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-2016, Robert Napier, Segretarju Ġeneral tal-KSU jilqa' lil dawk preżenti għall-Laqgħa Ġenerali Annwali u jitlob biex jingħalqu l-bibien u li fi-żmien ħames minuti l-Laqgħa Ġenerali kienet ser tibda.

Is –Segretarju Ġenerali jispjega li minħabba li l-kworum kien għadu ma ntlaħaqx, ser jerġgħu jinfetħu l-bibien. Il-Laqgħa titmexxa bi tletin (30) minuta sakemm jintlaħaq il-kworum.

Il-bibien jinfetħu u jerġgħu jibdew deħlin l-istudenti.

**12:47 pm**

Is-Segretarju Ġenerali jitlob li jingħalqu l-bibien. In-numru ta' nies fis-sala huwa ta' mija wieħed u sebgħin (171). Skont l-Artiklu 11 il-kworum intlaħaq u għalhekk il-bibien jinfetħu u tibda l-Laqgħa Ġenerali Annwali 2017.

Is-Segretarju Ġenerali Robert Napier jinforma lill-membri preżenti li għall-fini ta' trasparenza l-Koordinatur Internazzjonali Julia Portanier u l-Koordinatur Politika Socjali Etienne Buttigieg, it-tnejn fi ħdan il-KSU, ma kinux għadhom Studenti fl-Universita' ta' Malta u b'hekk m'għandhomx id-dritt tal-vot waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali. Ukoll preżenti li m'għandiex dritt għall vot hija s-Sinjura Daniela Fitzpatrick, Segretarja fi ħdan il-KSU.

Is-Segretarju Ġenerali jsejjaħ għal-ħatra tat-'Tellers'. Huwa jipproponi tnejn (2) għal kull ringiela tal-ġenb u erba' (4) għar-ringiela tan-nofs. Tmien (8) tellers b'kollox.


HSBC KPMG 89.7 Bay TOYOTA Malta Public Transport vodafone pepsi TIMES OF MALTA

Students' House
University of Malta
Msida MSD 2080

356 2340 2354
info@ksu.org.mt

L-istudenti maħtura jkunu dawn li ġejjin:

1. Gabriel Micallef jipproponi lil Andrew Micallef, Elena Fenech, Mathias Vassallo, Martina Dimech, Marie Micallef.

Ma jsiru l-ebda aktar nominazzjoniet allura t-'Tellers' jiġu maħtura u jieħdu posthom.

## ĦATRA TAS-SEDJA

Robert Napier, Segretarju Ġenerali tal-KSU, isejjaħ vot għall-ħatra tas-Sedja u jipproponi lis-Sur Gayle Lynn Callus.   Steph Dalli, President tal-KSU tissekonda.

Ħadd aktar ma jiġi nnominat.  Jingħalqu l-bibien.  Numru ta' nies fis-sala mija tnejn u tmenin (182).  Jittieħed il-vot:

**Voti Kontra** 0
**Astenżjonijiet:** 11
**Voti favur:** 171

Is-sedja tiġi maħtura.  Jinfetħu l-bibien.

Is-sedja Gayle Lynn Callus jirringrazzja lill-President u l-Membri tal- KSU u dawk kollha preżenti .  Jitlob li dawk preżenti għal-laqgħa biex jintfew il–mowbajls u jħeġġeġ lill-istudenti biex id-diskussjoni tkun waħda matura, hekk kif meħtieg mill-ogħla istituzzjoni tal-istudenti.

Is-Sedja tinforma lill dawk preżenti, li fis-sala hemm preżenti ukoll rappreżentanti mill Midja.  Preżenti huma l-Insite, Yuppie u t-Third Eye.  L-ebda oġġezzjoni ma saret.

## APPROVAZZJONI TAL-AĠENDA

Is-Sedja ssejjaħ biex jingħalqu l-bibien.   L-Aġenda tiġi mtella' fuq lis-skrijn preżenti u tiġi moqrija mis-Sedja.  Numru ta' nies fis-sala huwa mija wieħed u tmenin (181).  Jittieħed il-vot.

**Voti Kontra:** 0
**Astensjonijiet:** 18
**Voti Favur:** 163

L-Aġenda tiġi approvata u jinfetħu l-bibien.

## MINUTI:  Rapport għal-Minuti u Approvazzjoni



HSBC KPMG 89.7 Bay TOYOTA Malta Public Transport vodafone pepsi Media Partner TIMES OF MALTA

Is-Segretarju jispjega li l-minuti mhux ser jinqraw u li jinstabu fuq il-website tal-KSU.

Is-Sedja jikkwota l-Istatut tal-KSU, Appendiċi: Taqsima 4, Punt 23, li jgħid hekk:

***"Il-minuti tal-Laqgħa Ġenerali preċedenti ma jinqrawx iżda jkunu għad-dispożizzjoni tal-imseħbin sa mhux inqas minn tlett (3) ijiem qabel."***

Jgħid ukoll li l-minuti tas-sena 2017 huma disponibbli fuq il-mejda ġewwa s-sala. Jingħalqu l-bibien. In-numru ta' nies preżenti fis-sala mija wieħed u tmenin (181).
Is-sedja jitlob il-vot fuq l-approvazzjoni tal-minuti. Jittiehed l-Vot:

| | |
|---|---|
| **Voti Kontra** | **0** |
| **Astensjonijiet** | **18** |
| **Voti Favur** | **163** |

Il-minuti jiġu approvati. Jinfetħu il-bibien.

Is-Sedja Gayle Lynn Callus javża li għal kull punt ser tissejjaħ 'Speakers List' u l-istudenti fuq din il-lista għandhom jagħmlu l-punt tagħhom minn fuq il-mikrofonu provdut.

## RAPPORT ANNWALI

Is-Sedja jgħid li l-ewwel rapport li ser jinqara huwa r-Rapport Amministrattiv imbagħad ir-Rapport Finanzjarju. Is-Sur Callus jispjega li ser jittieħed vot wara kull rapport imsemmi. Il-kumplament tar-Rapporti ser jinqraw skont il-proċedura miktuba fl-Istatut. Wara jisejjaħ vot għall-approvazzjoni ta' dawn ir-rapport

### ***Rapport Amministrattiv***

Is-Segretarju Ġenerali Robert Napier jaqra r-Rapport Amministrattiv għan-nom tal-KSU hekk kif mitlub mill-Istatut.

Is-Sedja jitlob għal 'Speakers List' biex tinfetaħ diskussjoni fuq ir-Rapport Amministrattiv. Ma jkun hemm l-ebda intervent.

Jissejjaħ il-vot u jingħalqu l-bibien Numru ta' nies fil-kamra huwa mija u disgħin (190).

| | |
|---|---|
| **Voti Kontra:** | **0** |
| **Astenzjonijiet:** | **18** |
| **Voti Favur:** | **172** |


HSBC KPMG 89.7 Bay TOYOTA Malta Public Transport vodafone pepsi TIMES OF MALTA

Students' House
University of Malta
Msida MSD 2080

356 2340 ....
info@ksu.org.mt

Ir-Rapport Amministrattiv jiġi approvat.  Jinfetħu l-bibien.

***Rapport Finanzjarju***

Is-sedja titlob lil Joseph Teuma, Uffiċjal Finanzjarju sabiex jgħaddi għall-qari tar-Rapport Finanzjarju.

L-Uffiċjal Finanzjarju jaqra r-Rapport għan-nom tal-KSU hekk kif mitlub mill-Istatut.

Is-Sedja jitlob għal 'Speakers List' biex tinfetaħ diskussjoni.  Ħadd ma jintervjeni.  Jingħalqu l-bibien.  Numru ta' nies fil-kamra huwa mija erba u disghin (194).

| | |
|---|---|
| **Voti Kontra:** | **0** |
| **Astensjonijiet:** | **22** |
| **Voti Favur:** | **172** |

Ir-Rapport Finanzjarju jiġi approvat.  Jinfetħu l-bibien.

Is-Sedja jgħid li issa ser jinqraw ir-Rapporti Annwali skont l-ordni tal-Istatut kif ġie spjegat qabel.  Wara li dawn ir-rapporti jiġu moqrija kollha ser tinfetaħ diskussjoni fejn l-ewwel jittieħdu l-mistoqsijiet kollha mbagħad il-membri tal-Ezekuttiv iwieġbu skont il-qasam.  Meta d-diskussjoni tintemm jittieħed vot fuq ir-rapporti en bloc.

Jinqraw ir-rapporti f'din l-ordni:

- Rapport tal-President jinqara minn Steph Dalli;
- Rapport tal-Vici President jinqara minn Mark Trapani;
- Rapport tas-Segretarju Ġenerali jinqara minn Robert Napier;
- Rapport Finanzjarju jinqara minn Joseph Teuma;
- Rapport tal-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi minn Anna Vella;

Is-Sedja tistieden biex jibdew jinqraw il-kumplament tar-rapporti.

L-ewwel rapporti jiġu moqrija mill-Uffiċjali tal-Uffiċju Internazzjonali fi ħdan il KSU Julia Portanier u Martina Briffa.

It-tieni rapporti jiġu moqrija mill-Uffiċjali tal-Uffiċju ta' l-Edukazzjoni fi ħdan il KSU Rebecca Stoner u Martina Miggiani.

Is-Sedja ffakkar lill dawk preżenti biex isir diskors mill-inqas u li jintfgħu l-mowbajls.  Ifakkar ukoll li l-ikel u x-xorb mhux permess fis-sala.



HSBC KPMG 89.7 Bay TOYOTA Malta Public Transport vodafone pepsi MEDIA PARTNER TIMES OF MALTA

It-tielet rapporti jiġu moqrija mill-Uffiċjali ta' l-Uffiċju Politika Soċjali fi ħdan il-KSU Etienne Buttigieg u Alexander Hili.

Ir-raba u l-aħħar rapporti jiġu moqrija mill-Uffiċjali ta' l-Uffiċju tal-Kultura u Divertiment Steve Zammit Lupi u Denis Muscat.

Is-Sedja Gayle Lynn Callus jitlob għal 'Speakers List'. Minħabba li ma jkunx hemm mistoqsijiet, is-sedja jitlob sabiex jingħalqu l-bibien u jsejjaħ għal-vot fuq ir-Rapporti Annwali.

Jinghalqu l-bibien. Numru ta' nies fis-sala mitejn u wiehed (201)

| | |
|---|---|
| **Voti Kontra:** | **0** |
| **Astensjonijiet:** | **16** |
| **Voti favur:** | **185** |

Ir-rapporti annwali jiġu approvati. Jinfetħu l-bibien.

Is-Sedja jinforma lil dawk preżenti fis-sala li ser jinqara wkoll ir-Rapport tal-Gozo Liason Officer hekk kif maqbul fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 2016.
Maria Dimech, President tal-Għaqda Studenteska GUG, taqra r-rapport mħejji.

## ĦATRA TAL-BORD TAD-DIXXIPLINA U TAL-BORD TAL-APPELL

Is-Sedja jispjega li skont l-Istatut tal-KSU ser jinħatru ħames (5) membri għall-Bord tad-Dixxiplina u żewġ (2) membri oħra riżerva. Għall-Bord tal-Appell jiġu maħtura tlett (3) membri u riżerva waħda (1). Il-vot ser jissejjaħ fl-aħħar fuq iż-żewġ bordijiet. Is-Sedja jitlob għan-nominazzjonijiet.

### *Bord tad-Dixxiplina*

1. Gabriel Micallef jinnomina lil Luke Muscat u jiġi sekondat minn Neil Smart
2. Gabriel Micallef jinnomina lillErnest Mercieca u jiġi sekondat minn Gabriel Camilleri
3. Gabriel Muscat jinnomina lil Maria Muscat u jiġi sekondat minn Luigi Fenech

Dawn l-istudenti ġew inominati minn John Luke Ellul u sekondati minn Gillian Spiteri.

4. Fleur Abela
5. Clive Aquilina

Gabriel Micallef jinnomina lil Andreas Anastasi bhala riserva u jigi sekondat minn Neil Smart. Filwaqt li Gayle Lynn Callus jinnomina lil John Luke Ellul bħala riserva u jiġi ssekondat minn Steph Dalli.


HSBC KPMG TOYOTA vodafone pepsi TIMES OF MALTA

Students' House
University of Malta
Msida M

***Bord tal-Appell***

356 2340 2104
info@ksu.org.mt

1. Gabriel Micallef jinnomina lil Michael Piccinino u lil Ian Zahra u jiġi ssekondat minn Gabriel Camilleri.
2. John Luke Ellul jinnomina lil Brandon Zerafa u jiġi ssekondat minn Gillian Spiteri.
3. Thomas Camilleri jiġi nnominat bħala riżerva minn John Luke Ellul u jiġi ssekondat minn Gillian Spiteri.

Is-Sedja jitlob biex jingħalqu l-bibien u jsejjaħ il-Vot.  Numru ta' nies fis-sala mitejn u tlieta (203)

| | |
|---|---|
| **Voti Kontra:** | **0** |
| **Astenzjonijiet:** | **22** |
| **Voti Favur:** | **181** |

Il-Bord tad-Dixxiplina u l-Bord tal-Appell jiġu approvati.

## ĦATRA TAL-AWDITUR

L-Uffiċjal  Finanzjarju, Joseph Teuma ssekondat minn Robert Napier,  jinnomina lil PKF bħala Awdituri għas-sena 2017.  Ma jkun hemm l-ebda nominazzjoni oħra.

Is-Sedja jsejjaħ għal-vot.  Numru ta' nies fis-sala mitejn u tlieta (203).

| | |
|---|---|
| **Voti Kontra:** | **0** |
| **Astensjonijiet:** | **18** |
| **Voti favur:** | **185** |

Il-Kumpanija PKF jiġu maħtura bħala Awdituri għas-sena 2017.

## ĦATRA TAL-AVUKAT

Robert Napier, Segretarju Ġenerali fi ħdan il-KSU, jinnomina lill Avukat Dott. Peter Fenech bħala Avukat fi ħdan il-KSU għas-sena 2017.  Jiġi sekondat mill-President Steph Dalli.

Is-Sedja jsejjaħ għall-vot.  Jingħalqu l-bibien. Numru ta' nies fis-sala mija ħamsa u disgħin (195).

| | |
|---|---|
| **Voti Kontra:** | **0** |
| **Astensjonijiet:** | **18** |
| **Voti Favur:** | **177** |



HSBC KPMG 89.7 Bay TOYOTA MALTA PUBLIC TRANSPORT vodafone pepsi TIMES OF MALTA

Students' House
University of Malta
Msida MSD 2080
356 2340 2104
info@ksu.org.mt

L-Avukat Dott. Peter Fenech jiġi kkonfermat.

**HATRA TAL-KUMMISSJONI ELETTORALI**

Is-Sur Gayle Lynn Callus jgħid li l-ewwel ser jiġi elett il-Kap Kummissarju u wara jinfetħu nominazzjonijiet għall-membri tal-Kummissjoni.

Gabriel Micallef, President tal-SDM jinnomina lil Duncan Muscat bħala Kap Kummissarju u dan jiġi sekondat minn Jake Scerri.

Is-Sedja jitlob sabiex jiġu nnominati l-membri tal-Kummissjoni Elettorali.  Dawn ikunu:

Leo Muscat –Nominat minn Gabriel Micallef ; Sekondat minn Keith Grima
Emmanuel Zammit –Nominat minn Gabirel Micallef; Sekondat minn Natalia Galea
Michael Piccinino –Nominat minn Gabriel Micallef; Sekondat minn Claire Muscat
Kurt Grech –Nominat minn Gabriel Micallef; Sekondat  minn Beppe Galea
James Aaron Ellul –Nominat minn Gabriel Micallef; Sekondat minn Gabriel Camilleri

Jeannette Gillard –Nominata minn Gabriel Micallef; Sekondata minn Neil Smart
Matthew John Dougal –Nominata minn Gabriel Micallef; Sekondat min Luigi Fenech
Karl Attard –Nominat minn Gabirel Micallef; Sekondat minn William Farrugia
Brandon Zerafa –Nominat minn Wayne Sammut; Sekondat minn Earton Mifsud
Chiara Francesca Refalo –Nominata minn Nicholas Martinelli; Sekondat minn Mike Borg

**Riżervi:**

Nicholas Martinelli –  Nominat minn Petra Grech; Sekondat minn Chiara Francesca Refalo
Marie Micallef - Nominata minn Gabriel Micallef; Sekondata minn Andrew Camilleri

Is-Sedja jerġa' jaqra l-lista finali tal-Kummissjoni Elettorali.  Huwa l-ewwel isejjaħ għall-vot ghall-Kummissarju.  Is-Sur Duncan Muscat jitlob biex johrog mis-sala sakemm jittiehed il-vot.  Is-Sedja tapprova u jitlob biex jingħalqu l-bibien.  Numru ta' nies fis-sala mija hamsa u disghin (195).

Il-Kummisarju Elettorali jiġi maħtur.

Jissejjaħ il-vot għall-Kummisjoni Elettorali

| | |
|---|---|
| **Voti Kontra:** | **0** |
| **Astensjonijiet:** | **25** |
| **Voti Favur:** | **170** |



HSBC KPMG 89.7 Bay TOYOTA Malta Public Transport vodafone pepsi MEDIA PARTNER TIMES OF MALTA

Students' House
University of Malta
Msida MSD 2080

356 2340 2124
info@ksu.org.mt

Il-Kummissarju Elettorali u l-Kummissjoni jiġu approvati u jinfetħu l-bibien.

## ĦATRA TAL-PERIT

Steph Dalli, President, tinnomina lill Perit Duncan Muscat bħala Perit tal-KSU, sekondata minn Robert Napier. Is-Sedja jitlob biex jingħalqu l-bibien sabiex jittieħed vot.

Numru ta' nies fis-sala mija tlieta u disgħin (193).

**Voti Kontra:** **0**
**Astensjonijiet:** **18**

**Voti Favur:** **175**

Il-Perit Duncan Muscat jiġi approvat bħala Perit tal-Kunsill.

## DISKUSSJONI U VOTAZZJONI FUQ IL-MOZZJONIJIET IMRESSQA MILL-EŻEKKUTIV JEW L-IMSIEĦBA

Is-Segretarju Ġenerali jispjega li ġiet preżentata emenda waħda biss u ġiet innominata minnu stess bħala Segretarju Ġenerali u sekondata minn Steph Dalli.
Skond l-Istatut, kwalunkwe tibdiliet fl-Istatut iridu jiġu approvati minn ⅔ tal-membri preżenti.

Is-Segretarju jibda jaqra l-Emenda mressqa:

Emenda proposta minn Robert Napier u sekondata minn Steph Dalli.
Jipproponi Emenda fl-artiklu 8.1, Sezzjoni 8.

***L-emenda tgħid hekk:***

> ***Nipproponi din l-emenda: Il-Laqgħa Ġenerali tissejaħ darba f'sena bejn l-ewwel (1) ta' Marzu u t-tletin (30) t'April, imlaqqa mill-Ezekuttiv u tissejjah il-Laqgħa Ġenerali Annwali.***

Is-Segretarju Ġenerali kompla jispjega r-raġuni li tressqet din l-emenda. Minħabba l-problema li kellu biex tinstab data għall–Laqgħa Ġenerali ta' din is-sena. Id-disponibbilitajiet tas-sala Sir Temi Zammit u minħabba l-Vaganzi ta' l-Għid. Wara li kkonsulta mal Bord tad-Dixxiplina, ġie ssuggerit li d-data biex tissejjaħ il-Laqgħa Ġenerali tinbidel. La darba ma sarux l-ebda domandi, ġie msejjaħ il-vot għal din l-emenda.

Jingħalqu il-bibiem. Numru ta' nies fis-sala mija ħamsa u disgħin (195)

**Voti Kontra** **0**
**Astensjonijiet** **18**



HSBC KPMG 89.7 Bay TOYOTA MALTA PUBLIC TRANSPORT vodafone pepsi MEDIA PARTNER TIMES OF MALTA

**Voti favur 177**



L-Emenda tiġi approvata. Jinfetħu l-bibien.

## NOMINAZZJONIJIET U PREŻENTAZZJONI TAL-KANDIDATI TAL-EŻEKKUTIV IL-ĠDID

Is-Sedja titlob lis-Segretarju Ġenerali Robert Napier sabiex jgħaddi n-nominazzjonijiet li waslu fi ħdan il-KSU.

Jibdew jinqraw in-Nominazzjoniet li daħlu mis-Sedja.

**Kandidati għall-Għaqda SDM**

**President - Robert Napier** – Propost minn Elaine Muscat, sekondat minn Ian Zahra
**Vici President – Steve Zammit Lupi**- Propost minn Paul Scerri, sekondat minn Leo Muscat
**Segretarju Ġenerali – Carla Galea** – Proposta minn Marc Dimech, sekondata minn Julia Magri
**Uffiċjal Finanzjarju – Joseph Teuma** – Propost minn Christian Teuma, sekondat minn Jacob Azzopardi
**Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi – Michael Aquilina** – Propost minn Martina Briffa sekondat minn Andre Micallef
**Uffiċjal Internazzjonali – Anthea Fenech** – Proposta minn Martina Camilleri, sekondata minn Neil Sultana
**Koordinatur Internazzjonali – Martina Darmanin** – Proposta minn Gabriella Sutton, sekondata minn Edward Degabriele
**Koordinatur Politika Soċjali – Celine Talbot** – Proposta minn Jessica Dowling, sekondata minn Duncan Muscat
**Koordinatur Edukazzjoni – Gillian Asciak** – Proposta minn Tamsin Cauchi, sekondata minn Michael Borg
**Koordinatur Kultura u Divertiment - Luke Abela** – Propost minn Jordy Borg, sekondat minn Jessica Darmanin

Is-Sedja tinforma li filwaqt li kien hemm nominazzjoni waħda għal kull rwol imsemmi, imma bl-eċċezzjoni għal rwol ta' Ufficjal Kultura u Divertiment fejn daħlu zewġ nominazzjonijiet.

**Uffiċjal Kultura u Divertiment – Harley Mallia** – Proposta minn Sarah Jane Scicluna, sekondata minn Shanice Borg.

Students' House
University of Malta
Msida MSD2080

356 2340 2104
info@ksu.org.mt

**Uffiċjal Kultura u Divertiment – Nicholas Martinelli** – Propost minn Daniel Galea u sekondat minn Alistair Scerri.

Għaldaqstant is-Sedja jsejjaħ Elezzjoni għar-rwol ta' Uffiċjal ghall-Kultura u Divertiment bejn Harley Mallia u Nicholas Martinelli.

Is-sedja tistieden lill kull nominat biex jagħmel id-diskors tiegħu. In-Nominati ser jiġu msejjħa skond l-Istatut.

Jibda Robert Napier,bħala President;
Isegwi Steve Zammit Lupi bħala Viċi President
Carla Galea bħala Segreatrju Ġenerali
Joseph Teuma bħala Uffiċjal Finanzjarju
Michael Aquilina bħala PRO
Anthea Xuereb bħal Uffiċjal Internazzjonali
Martina Darmanin bħala Koordinatur Internazzjonali
Gillian Asciak bħala Uffiċjal Edukazzjoni
Celine Talbot bħala Uffiċjal Politka Soċjali
Luke Bonello bħala Koordinatur Kultura u Divertiment;

Wara d-diskorsi kollha, is-Sedja jsaqsi jekk hemmx xi oġġezzjonijiet. L-ebda oġġezzjoni ma tiġi ppreżentata u għalhekk l-Eżekutiv il-ġdid fi ħdan il-KSU jiġu kollha eletti.

Jinghalqu l-bibien. Nies fil-kamra mija u disghin (190). Is-Sedja tispjega li billi ma saru l-ebda oġġezzjonijiet, ma kienx hemm bzonn ta' vot u l-kandidati kollha gew eletti.

Is-Sedja issa ssejjah lil Nicholas Martinelli biex jagħmel id-diskors tiegħu segwit minn Harley Mallia. Is-Sur Gayle Lynn Callus spejga li mhux ser jittieħed vot ta' fiducja billi ser ikun hemm elezzjoni għar-rwol ta' Uffiċjal Kultura u Divertiment.

Is-Sedja kompla jispjega li skont l-Istatut l-elezzjoni issir għar-rwol u mhux għall-partit le qed jinnomina.

Is-Sedja jirringrazzja lill-membri ta' l-Eżekkuttiv fi ħdan il-KSU u dawk li ha jilħqu fil-kumitat il-ġdid. Jirringrazzja ukoll lil dawk kollha preżenti.

**15:11 pm Il-Laqgħa Ġenerali Annwali 2017 tintemm.**


HSBC KPMG TOYOTA MALTA PUBLIC TRANSPORT vodafone pepsi MEDIA PARTNER TIMES OF MALTA